# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**
**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001.**

**Numru 10**

**Citaz. numru 783/89 JSP**

**Joseph Vassallo, Helen mart Carmelo Bartolo u l-istess Carmelo Bartolo bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u amministratur tal-beni parafernali ta' martu, Guza mart Salvu Sacco u l-istess Salvu Sacco bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti u amministratu tal-beni parafernali ta' martu.**

**vs**

**Carmelo Vassallo, Anthony Vassallo, Pietru Vassallo, Nikola Vassallo u Anglu Vassallo.**

**Il-Qorti;**

Din hija sentenza fuq appell maghmul mill-konvenuti kontra sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 1995 fil-kawza bl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif gej :-

“Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi ppremettew :-

Illi fil-11 ta’ April 1988 miet Paul Vasallo missier il-kontendenti, b’zewg testmenti datati 17 ta’ Mejju 1979 u 23 ta’ Jannar 1981 in atti Nutar Victor John Bisazza ;

Illi in forza ta’ dawn iz-zewg testmenti t-tmien ulied ta’ l-imsemmi Paul Vassallo gew nominati eredi universali proprjetarji u padruni assoluti tal-gid tieghu kollu f’sehem indaqs ;

Illi l-istanti ghadhom qieghdin jiddeliberaw jekk jaccettaw l-eredita’ lilhom devoluta jew invece jirrinunzjaw ghall-istess b’rizerva ghad-dritt tal-legittima ;

Illi qabel jiehdu d-decizjoni taghhom l-atturi ghandhom interess li fil-massa ereditarja jidhlu l-beni kollha li kellu l-mejjet missierhom;

Illi bi tlett kuntratti separati datati rispettivament l-1 ta’ Settembru 1978, 31 ta’ Dicembru 1979, u 13 ta’ Marzu 1981 lkoll in atti Nutar Victor John Bisazza l-mejjet Paul Vassallo ttrasferixxa lill-konvenut Carmelo Vassallo l-proprjeta’ immobiljarji hemm deskritti u versu l-prezz u termini hemm pattwiti ;

Illi b’zewg kuntratti datati 21 ta’ Dicembru 1987 u 7 ta’ Marzu 1988 in atti Nutar Antoine Agius l-istess Paul Vassallo kkonceda b’titolu ta’ cens perpetwu lill-konvenut Anthony Vassallo l-proprjeta’ immobiljarji hemm deskritta ;

Illi l-valuri tal-proprjetarjiet immobiljarji hekk koncessi u trasferiti lill-konvenuti Carmelo u Anthony ahwa Vassallo kienu fir-realta’ hafna aktar minn dak indikat fl-att ;

Talbu li din il-Qorti :-

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-imsemmija kuntratti tal-1 ta’ Settembru 1978, 31 ta’ Dicembru 1979 u 23 ta’ Marzu 1981, ilkoll in atti Nutar Victor John Bisazza li saru bejn il-mejjet Paul Vassallo u Carmelo Vassallo huma sostanzjalment donazzjoni simulata taht l-apparenza ta’ trasferiment oneruz ;

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-imsemmija kuntratti tal-21 ta’ Dicembru 1987 u 7 ta’ Marzu 1988 in atti Nutar Antoine Agius, li saru bejn il-mejjet Paul Vassallo u Anthony Vassallo kienu fir-realta’ kuntratti ta’ donazzjoni u mhux trasferiment b’titolu oneruz;

3. Konsegwentement tiddikjara li l-precitati kuntratti kollha huma nulli bhala kuntratti oneruzi u validi biss bhala donazzjonijiet.

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentati w il-lista tax-xhieda ta' l-atturi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo u Anthony Vassallo li biha eccepew :-

Illi t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez stante li l-kuntratti imsemmija fic-citazzjoni ma humiex donazzjonijiet kif allegat izda huma trasferimenti b'titolu oneruz u effettivament thallsu l-konsiderazzjonijiet fihom stipulati ;

Salvi eccezzjonijiet ohra kif ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni guramentati w il-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti Carmelo u Anthony Vassallo.

Rat il-kontro-talba ta' l-istess zewg konvenuti li biha ppremettew:-

Illi l-atturi qieghdin jiddeliberaw jaccettawx jew il-wirt ta' missierhom, u dan kif jirrizulta mic-citazzjoni prezentata mill-istess atturi ;

Illi l-konvenuti ghandhom interess ikunu jafu jekk l-atturi humiex ser jaccettaw jew dan il-wirt ;

Talbu li din il-Qorti :-

1. Tiffissa terminu qasir u perentorju li fih l-atturi ghandhom jiddikjaraw jekk accettawx il-wirt ta' missierhom ;

2. Jekk jonqsu fit-terminu preskritt, jitqies li huma jkunu accettaw dan il-wirt ;

Bl-ispejjez kontra l-atturi rikonvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Carmelo u Anthony Vassallo ghall-kontro-talba taghhom ;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghal kontro-talba ta' l-istess zewg konvenuti li biha eccepew :-

1. Fl-ewwel lok l-eccipjenti jirrilevaw illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u konsegwentement anke l-kontro-talba taghhom gew intavolati "fuori termine" u b'hekk il-kontro-talba ta' l-atturi qed

issir inutilment u l-istess ghandha tigi sfilzata flimkien ma' l-eccezzjonijiet in kwantu l-konvenuti jinsabu fi stat ta' kontumacja;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost lanqas tista' tirnexxi l-azzjoni rikonvenzjonali in kwantu din ma ghandha l-ebda konnessjoni mat-talba ta' l-attur u dan skond kif irid l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 ;

3. Illi f'kull kaz l-azzjoni ta' l-attur eccipjenti hi preordinata ghall-interess taghhom, o meno, fl-eredita' u kwindi ma jistghux jigu mgieghla jaccettaw il-wirt qabel ma jkunu jafu l-konsistenza shiha ta' l-assi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti Carmelo u Anthony Vassallo ;

Rat il-proceduri provokati bl-ewwel eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba w it-talba tieghu ghall-isfilz kemm tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo u Anthony Vassallo kif ukoll tal-kontro-talba taghhom ;

Rat il-verbal tat-23 ta' Jannar 1990 li bih id-difensur tal-konvenuti ghan-nom tal-konvenuti kollha u wara li ra r-Registru Originali tar-riferti muri lilu mill-Qorti u wara li sema' x-xhieda tad-difensur ta' l-atturi, ddikjara li ma jinsistix fuq il-fatt li mill-atti ma jirrizultax illi l-konvenuti fil-fatt jinsabu kontumaci ;

Rat lil-Qorti ordnat l-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kontro-talba taghhom komprizi fiha u fil-kontumacja ta' l-istess konvenuti u billi hekk mehtieg innominat lill-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace bl-assistenza tal-A.I.C. Michael Angelo Refalo biex jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet ta' l-atturi ;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess periti ;

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti ezebiti ;

Semghet it-trattazzjoni ;

Rat il-verbal tat-13 ta' Frar 1995 li bih il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidrat :-

Il-meritu tal-kawza jisa' jigi hekk puntwalizzat :-

1. Il-kontendenti huma lkoll eredi ta' Paul Vassallo li miet fil-11 ta' pril 1988. Hu miet testat b'zewg testmenti datati rispettivament 17 ta' Mejju 1979 u 23 ta' Jannar 1981 in atti Nutar Dottor Victor John Bisazza ;

2. Meta kien ghadu haj l-istess Paul Vassallo ghamel diversi trasferimenti b'titolu oneruz lill-konvenuti ta' proprjeta' immobiljarji li altrimenti kienet tkun tifforma parti mill-eredita' tieghu. L-atturi jsostnu illi dawn it-trasferimenti maghmula bil-kuntratti msemmija fic-citazzjoni kienu "donazzjonijiet simulanti taht l-apparenza ta' trasferiment oneruz" ;

3. L-atturi qed jagixxu ghax ghandhom interess li qabel ma jaccettaw l-eredita' lilhom devoluta mill-mejjet missierhom jew invece li joptaw ghal-legittima' wara li jirrinunzjaw ghall-istess wirt, li "jkunu assiguraw illi fil-massa tal-wirt jidhlu l-assi kollha" li kellu missierhom.

Il-Perit Legali kkonkluda illi fil-fehma tieghu "il-valuri msemmija fl-atti li l-atturi jridu jimpunjaw (u ma saret l-ebda prova illi dawn il-valuri ma kienux reali jew li thallas xi ammont li kien akbar minn dak dikjarat) huwa fattur determinati li ma jhallix dubbju li l-kontraenti (il-missier u xi whud mill-konvenuti) riedu jqarrqu u riedu juru haga b'ohra u riedu jissimulaw". Il-Qorti qieset il-konsiderazzjonijiet legali li fuqhom il-perit legali ibbaza l-konkluzzjoni tieghu w issib li huma ben fondati fil-ligi u fil-gurisprudenza. Hija korretta l-premessa tieghu illi l-fattur rilevanti u spiss determinanti f'kazi simili huwa l-valutazzjoni tal-fond trasferit u kif dan jikkompara mal-prezz attwalment imhallas. Fil-verita' fil-kaz in ezami lanqas tirrizulta l-prova illi l-prezz gie fil-fatt imhallas lill-missier, l-awtur tal-konvenuti. Il-paragun allura necessarjament irid isir mal-valur dikjarat fil-kuntratti. Sewwa qal il-perit legali li fil-valutazzjoni wiehed ghandu jiehu kont ta' meta saru l-atti li l-atturi qed ifittxu li jimpunjaw u hu bizzejjed li jigu stabbiliti valuri minimi anke jekk gustament "tinghata certa latitudini ghall-fatt li l-kuntratti huma bejn il-missier u xi ulied". Hu sewwa wkoll illi jigi ezaminat il-kwadru kollu krejat mid-diversi kuntratti in kwantu dan jista' jirrifletti 'system of conduct' bejn il-missier u xi wlied biex jigu vantaggjati l-istess permezz tas-simulazzjoni.

Il-perit legali wasal ghall-konvinciment – li din il-Qorti wara li apprezzat il-provi u hadet konjizzjoni ta' l-istimi pjenament tikkondividi – li "l-istejjem juru li l-prezzijiet huma baxxi sew taht kull aspett anke jekk tqis il-grad ta' parentela" u li "l-missier ried jiffavorixxi lill-kontraenti l-ohra sal-punt li l-atti smaskeraw ir-realta" li kienet dik ta' donazzjoni."

Il-perizja teknika tiggustifika t-talbiet attrici fir-rigward ta' kull kuntratt li huma qieghdin jimpunjaw. Inghataw xi ezempji :-

1. Fond li jiflah cens ta' Lm650 fis-sena gie koncess b'rata annwa ta' cens ta' Lm300 ghal zmien tletin sena ;

2. Proprjeta' li nghatat in enfitewsi perpetwa b'rata ta' cens ta' Lm50 fis-sena gie stmat mill-perit li kienet tiflah dak iz-zmien cens gust ta' Lm970 fis-sena ;

3. Ghalqa li giet mibjugha Lm200 giet stmata li kienet dak iz-zmien tiswa Lm510 ;

4. Nofs indiviz ta' ghalqa ohra li nbieghet bil-prezz ta' Lm200 kienet tiswa dak iz-zmien Lm660 ;

5. Fond li nghata in enfitewsi perpetwa versu c-cens annwu ta' Lm20 kien jiflah prezz minimu ta' cens annwu dak iz-zmien ta' Lm990.

Differenzi esagerati fil-valuri li jirrendu l-kaz wiehed ta' *res ipsa loquitur*. Is-simulazzjoni hi trasparenti u ma thalli l-ebda dubbju fil-gudikant illi z-zewg kontraenti fuq kull kuntratt li qed jigi mpunjat u cioe' l-missier u xi wiehed jew aktar minn uliedu, konvenuti f'din il-kawza, kienu jafu li b'dak li kienu qed jaghmlu kienu effettivament qed jissimulaw kuntratt b'titolu oneruz meta fil-fatt kienu qed jaghmlu kuntratt b'titolu oneruz meta fil-fatt kienu qed jaghmlu kuntratt ta' donazzjoni li kien finalment jippregudika d-drittijiet proprjetarji ta' l-atturi w ulied ohra ta' l-istess missier.

L-esagerazzjoni fil-prezzijiet u l-fatt pruvat illi bejn il-missier u diversi mill-ulied saru bosta kuntratti ovvjament kollha bl-istess fini akkompanjata man-nuqqas ta' kontestazzjoni ta' din il-kawz da parti tal-konvenuti li kienu kontraenti u beneficjarji f'dawn il-kuntratti, wasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni illi gew pjenament sodisfatti l-parametri stretti u rigoruzi li l-gurisprudenza timponi biex l-azzjoni ta' impunjazzjoni ta' kuntratti fuq il-bazi ta' simulazzjoni tigi ezercitata b'success. Dawn il-parametri huma hekk definiti :-

*"Is-simulazzjoni hija forma ta' frodi, u min jallegaha ghandu jgib prova konkludenti u perswassiva tas-simulazzjoni."*

*"Din il-prova tista' ssir bi kwalunkwe mezz permess bil-ligi anke permezz ta' xhieda. Izda dan il-principju li l-prova tas-simulazzjoni trid tkun konkludenti u perswassiva, ghandu jigi applikat b'rigur akbar meta jigi impunjat att pubbliku."*

> *"Fuq kollox imbaghad ghandha tirrizulta b'mod inekwivokabbli l-causa simulandi, b'mod li jekk il-prova ma tirnexxix, l-impunjazzjoni taqa'."*
>
> *"Ix-xhieda ta' l-attur li jallega s-simulazzjoni ghandha fiha nfisha tigi mehuda bl-akbar cirkospezzjoni meta l-azzjoni tigi proposta wara l-mewt tal-persuna li l-attur jallega li riedet l-att simulat."*
>
> *"Biex ikun hemm simulazzjoni jrid ikun hemm ix-xjenza tal-partijiet kollha li jridu joholqu l-att simulat."*
> Vol. XXXVII – P II – p. 797).
>
> Konsiderazzjonijiet iebsin li jimmilitaw favur il-validita' tal-kuntratt. Imma meta l-esagerazzjoni tkun tant lampanti kif jirrizulta li hi fil-kaz in ezami, ma jistax jinghad illi s-simulazzjoni allegata mill-atturi ma gietx sodisfacentement pruvata fit-termini li trid il-ligi.
>
> Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi anke fil-kontumacja tal-konvenuti kollha, u prevja l-akkoljiment tar-relazzjoni peritali fl-interezza taghha, tilqa' t-talbiet kollha ta' l-atturi kif dedotti u taghti d-dikjarazzjonijiet kollha mitluba mill-istess atturi fir-rigward tal-kuntratti minnhom impunjati.
>
> L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti."

Mill-istess sentenza appellaw, kif inghad, il-konvenuti kollha permezz ta' petizzjoni prezentata fl-24 ta' Marzu 1995 flimkien ma' stima tal-proprjetarjiet maghmula mill-Perit Michael Busuttil u li ggib id-data tal-1 ta' Lulju 1988. Permezz tal-petizzjoni tal-appell taghhom l-appellanti qeghdin jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

L-atturi appellati prezentaw risposta tal-appell fis-7 ta' April 1995.

Stabbilit dan kollu din il-Qorti ser tghaddi biex tghid f'hiex jikkonsisti l-aggravju tal-appell u ghala hija tasal ghall-konkluzzjoni li l-appell mhuwiex sostnut.

Qabel xejn fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti qamet kwistjoni dwar jekk kienx hemm fil-Prim'istanza n-notifika tal-partijiet kollha jew inkella kienx hemm xi whud minnhom li ma gewx notifikati. In verita' din is-sottomissjoni li saret mill-appellanti hija fil-fehma ta' din il-Qorti fic-cirkostanzi ta' ftit importanza minhabba l-fatt illi fl-ewwel lok giet introdotta bhala sottomissjoni neboluza u effettivament baqghet hekk anke wara illi giet trattata. In fatti ma jirrizulta minn imkien b'certezza dak li qed jigi sottomess, anzi pjuttost hemm l-atti processwali li huma ndikattivi illi ma gie sottolinejat xejn minn dan fil-kors tal-proceduri tal-Prim'istanza, u anke mir-riferti jidher illi kulhadd gie notifikat.

Iktar importanti huma s-sottomissjonijiet l-ohra tal-appellanti.

Fl-ewwel lok l-appellant jissottometti li jhossu aggravat fis-sens illi l-ewwel Qorti ma ssenjalatx illi tlieta mill-appellanti cioe' Pietru, Vassallo, Nikola Vassallo u Anglu Vassallo ma kienux parti ghall-kuntratti impunjati mill-appellati. Ghaldaqstant huma, fil-fehma taghhom, kellhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u mhux jispiccaw jinkorru wkoll l-ispejjez.

F'cirkostanzi normali dan kien ikun argument validu pero' wiehed irid jara n-natura tal-azzjoni odjerna u li hija preordinata ghax-xewqa u ghan-necessita' illi l-atturi jottjenu d-dikjarazzjoni l-ewwel dwar il-validita' legali tal-kuntratti li huma qeghdin jimpunjaw biex ikunu f'posizzjoni jiddeciedu jaqbillhomx jew le, hux il-kaz jew le illi jaccettaw l-eredita' jew inkella jirrinunzjaw ghaliha. F'cirkostanzi bhal dawn hu ovvju illi kull min ha parti fl-atti impunjati kif ukoll min huwa prezunt eredi tad-decujus, necessarjament ghandu interess guridiku fil-kawza u huwa legittimu kontradittur. L-appellanti de quo, kieku riedu, kienu liberi illi jaghmlu dikjarazzjoni appozita jew permezz ta' nota ta' eccezzjonijiet jew permezz ta' xi sistema alternattiv biex jinfurmaw lill-Qorti illi huma kienu mhux jikkontestaw l-azzjoni tal-atturi imma jirrimettu ruhu ghal dak li jista' jirrizulta. Minn dan kollu m'ghamlu xejn anzi baqghu kontumaci.

It-tieni sottomissjoni tal-appellanti illi hija l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu ghamel stima ta' tlett proprjetarjiet li assolutament m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-vertenza odjerna. Huma jaghmlu riferenza ghal dawn it-tlett fondi u jissottomettu illi l-mejjet Pawlu Vassallo ddispona minnhom in forza tat-testmenti tas-17 ta' Mejju 1979 u t-23 ta' Jannar 1981 u mhux permezz ta' xi wiehed mill-kuntratti in kwistjoni. Ghalhekk kull riferenza ghalihom hija superfluwa u sservi biss ta' dizgwid.

Huwa veru illi essenzjalment dawn il-fondi mhumiex parti mill-proprjeta' mertu tal-kuntratti li qed jigu impunjati pero' r-realta' tal-valutazzjoni

taghhom kienet rilevanti u importanti ghal fini tal-ezercizzju li l-perit tekniku gie mqabbad jaghmel u cioe' biex jistabbilixxi jekk il-kwadru generali kienx jipprezenta xenarju ta' frodi, xenarju ta' simulazzjoni ta' kuntratt u jidher illi l-mod kif anke gew trattati dawn il-fondi u l-valutazzjoni taghhom li saret mill-perit tekniku kien fil-fehma tal-ewwel Qorti kif ukoll ta' din il-Qorti rilevanti ghaliex ghen biex proprju jigi stabbilit il-kwadru msemmi.

It-tielet aggravju tal-appellanti huwa illi jilmenta li l-ewwel Qorti issenjalat illi fil-kaz in ezami lanqas tirrizulta l-prova illi l-prezz gie fil-fatt imhallas lill-missier, l-awtur tal-konvenuti. L-appellanti jissottomettu li l-prova tal-hlas tirrizulta mill-kuntratti nfishom. Din hija argumentazzjoni li din il-Qorti mhijiex pronta taccetta u li fil-fehma taghha lanqas ma timmerita xi kummenti specjali. Ghandu jkun ovvju ghal kulhadd u ghalhekk anke ghall-appellanti illi almenu l-apparenza li fil-probabbilita' jekk hux fic-certezza illi l-prezz ghalkemm jidher u jissemma fuq il-kuntratt u anke hemm indikat illi thallas fuq il-kuntratt effettivament hemm dubbju jekk thallasx huwa rrilevanti ghax ukoll jikkontribwixxi biex jigi format il-kwadru generali ta' frodi kif inghad.

L-appellant imbaghad jissottometti b'riferenza ghall-kuntratt tal-1 ta' Settembru 1978 rigwardanti porzjon art maghrufa bhala "Tat-Tumbata", li l-perit tekniku ghamel stima li f'dawk iz-zminijiet l-art kollha kellha tinbiegh bi prezz ta' cirka hames mija u ghaxar liri u mhux mitejn lira. L-

appellanti jissottolinejaw pero' li l-perit tekniku ma ha l-ebda konsiderazzjoni tal-fatt li dak it-trasferiment sar taht il-kundizzjoni li l-venditur Paolo Vassallo rriserva favur tieghu l-uzufrutt tal-imsemmija art. Tali cirkostanza tkompli tnaqqas il-valur tal-proprjeta' mehud in konsiderazzjoni fost ohrajn id-drittijiet li l-ligi takkorda lill-uzufruttwarju.

Illi proprjament din il-Qorti minn ezami tal-atti processwali ma jirrizultalix dak illi qieghed jghid l-appellanti pero' apparti dan anke jekk ghall-grazzja tal-argument kellu jigi koncess illi verament kien hemm ir-riserva tal-uzufrutt kif qed jigi sottomess, m'hemmx il-prova illi dan kien inaqqas talment il-valur tal-proprjeta' rilevanti relattiva talment illi jhassar il-kwadru kollu ta' frodi kif stabbilit mill-ewwel Qorti.

L-appellanti wkoll jissottomettu illi l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha billi bbazat fuq il-prezzijiet ikkalkolati bil-perit tekniku li pero', fil-fehma taghhom, ma taw ebda hjiel ta' kif waslu ghall-istimi taghhom. Sottomissjoni pjuttost stramba minhabba illi din mhijiex kwistjoni solament ta' paraguni tal-istima tal-perit tekniku mal-istima ta' xi perit iehor imma ta' necessita' li jigi ndikat fuq liema bazi din il-Qorti ghandha tiddubita mill-istimi raggunti mill-perit tekniku. Indikazzjoni li hlief ghall-paragun mal-istimi tal-perit Michael Busuttil ma gietx proposta.

Fl-ahharnett l-appellant ghandu sottomissjoni ohra u cioe' illi l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni x-xhieda taz-zewg nutara li rredigew il-kuntratti impunjati liema xhieda qatt ma nghatat nonostante n-nomina ta' perit legali u perit tekniku.  Fil-fehma taghhom lanqas ma biss jirrizulta li ttiehdet in konsiderazzjoni l-prezz li kien effettivament hallas il-mejjet Paolo Vassallo fl-akkwist tal-fondi in kwistjoni.  Sottomissjonijiet illi verament kien ikollhom valur kieku l-appellanti, konvenuti fil-Prim'istanza, ma baqghux kontumaci bil-konsegwenzi legali normali.

Dana effettivament igib lil din il-Qorti biex taghmel osservazzjoni li ben che' missha ghamlitha fil-bidu ta' din is-sentenza qed taghmilha issa bit-tama li fl-istess hin indikat lill-konvenuti illi l-appell mhuwiex qeghdin jitilfuh merament fuq il-fatt li fil-Prim'istanza huma kienu kontumaci imma anki minhabba li essenzjalment m'ghandhomx ragun fl-aggravji taghhom.  In fatti jirrizulta illi fil-Prim'istanza huma baqghu kontumaci, jirrizulta li fil-Prim'istanza kien hemm decizjoni, jigifieri digriet, li bih gew sfilzati n-noti tal-eccezzjonijiet u l-kontro-talbiet taghhom, li huma ma ppruvawx jiggustifikaw dik il-kontumacja, u li dan l-appell huma bdewh f'dik l-istess sitwazzjoni, cioe' in mankanza ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja – dan igib il-konsegwenzi lill-gurisprudenza taghna li ghaliha saret riferenza mill-appellati kellha diversi drabi okkazzjoni titkellem fuqhom pero' kif inghad din il-Qorti iktar milli qed tiddeciedi l-kaz fuq hekk qed tichad l-appell fuq il-mertu tieghu.  Jigi pero' osservat illi hija validissima s-sottomissjoni illi lanqas mid-decizjoni tal-ewwel

Qorti ta' kontumacja u li ordnat l-isfilz tan-nota tal-eccezzjonijiet u tal-kontro-talba ma sar appell.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata, bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-appellanti.

Dep/Reg

mg